Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Mejju 2022**
**(OR. en)**

**8504/22**

**CDR 46**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar tliet membri u erba' membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Kroazja, fil-Kumitat tar-Reġjuni |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 20[..]/…**

**ta'…**

**li taħtar tliet membri**
**u erba' membri supplenti,**
**proposti mir-Repubblika tal-Kroazja,**
**fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Kroat,

[1] ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102[1], li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġew proposti għall-ħatra s-Sur Vojko OBERSNEL, is-Sur Goran PAUK u s-Sa Jelena PAVIČIĆ VUKIČEVIĆ.

(4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġew proposti għall-ħatra s-Sur Martin BARIČEVIĆ, is-Sa Antonija JOZIĆ u s-Sur Matija POSAVEC. Barra minn hekk, konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Igor ANDROVIĆ, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Il-Gvern Kroat ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Igor ANDROVIĆ, *župan, Virovitičko-podravska županija* (prefett, Kontea ta' Virovitica-Podravina), is-Sur Joško KLISOVIĆ, *predsjednik skupštine, Grad Zagreb* (President tal-Assemblea, belt ta' Zagreb), u s-Sur Marko VEŠLIGAJ, *gradonačelnik, Grad Pregrada* (sindku, belt ta' Pregrada).

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

(6) Il-Gvern Kroat ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sa Martina FURDEK HAJDIN, *županica, Karlovačka županija* (prefett, Kontea ta' Karlovac*)*, is-Sur Ivica KOVAČEVIĆ, *načelnik*, *Općina Jakšić* (sindku, Muniċipalità ta' Jakšić), is-Sa Ana KUČIĆ, *gradonačelnica, Grad Mali Lošinj* (sindku, Belt ta' Mali Lošinj), u s-Sa Marina MEDARIĆ, *zamjenica župana, Primorsko-goranska županija* (viċi prefett, Kontea ta' Primorje-Gorski Kotar*)*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

– Is-Sur Igor ANDROVIĆ, *župan, Virovitičko-podravska županija* (prefett, Kontea ta' Virovitica-Podravina),

– Is-Sur Joško KLISOVIĆ, *predsjednik skupštine, Grad Zagreb* (President tal-Assemblea, belt ta' Zagreb),

– Is-Sur Marko VEŠLIGAJ, *gradonačelnik, Grad Pregrada* (sindku, belt ta' Pregrada),

kif ukoll

(b) bħala membri supplenti:

– Is-Sa Martina FURDEK HAJDIN, *županica, Karlovačka županija* (prefett, Kontea ta' Karlovac*)*,

– Is-Sur Ivica KOVAČEVIĆ, *načelnik*, *Općina Jakšić* (sindku, Muniċipalità ta' Jakšić ),

– Is-Sa Ana KUČIĆ, *gradonačelnica, Grad Mali Lošinj* (sindku, Belt ta' Mali Lošinj),

– Is-Sa Marina MEDARIĆ, *zamjenica župana, Primorsko-goranska županij* (viċi prefett, Kontea ta' Primorje-Gorski Kotar).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---